Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Qrendi

# NEWSLETTER

*Maħruġa mill-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku*

*"L-Iskola Tiswa"*

**Il-Motto tal-Iskola**

**ĠUNJU 2012**
**Ħarġa Nru. 9**

**email:** ***sbc.qrendi.pr@gov.mt***
**Tel: 21640673**

**Website:** ***http//:sbc.qrendi.skola.edu.mt***

## *L-importanza tal-qari u tal-istudju, anki fix-xhur sbieħ tas-sajf!*



Ħafna ġenituri huma konxji kemm il-qari hu ta' importanza kbira sabiex uliedhom ikollhom suċċess mhux biss fil-ħajja skolastika tagħhom iżda wkoll fil-ħajja tagħhom bħala adulti. Il-qari huwa ċ-ċavetta li biha titgħallem dwar suġġetti ġodda, u jgħinek issib informazzjoni fuq dak kollu li tkun tixtieq tkun taf iktar dwaru.

Jekk it-tfal jaqraw ftit kuljum ser jitjiebu dejjem iktar fil-qari. Il-qari irid ikun attivita pjaċevoli, għalhekk it-tfal għandhom jaqraw kotba li huma tal-livell tagħhom, u li jkollhom temi jew stejjer li jkunu jinteressawhom.

Għalkemm f'etá bikrija t-tfal ikunu għadhom ma jafux jaqraw, il-ġenituri xorta għandhom iressqu t-tfal lejn id-dinja tal-qari billi jaqrawlhom stejjer huma. B'hekk anki l-vokabularju tat-tfal jiżdied u tiżdied ukoll l-imħabba u l-interess lejn il-kotba.

Tajjeb ukoll li fid-dar, ma taqrax stejjer lit-tfal l-omm biss iżda anki l-missier għandu jinvolvi ruħu fil-qari ta' stejjer lit-tfal tiegħu. B'hekk it-tfal speċjalment dawk subien ma jassoċjawx il-qari ma' xi ħaġa femminili biss iżda jaraw li l-qari jsir minn kulħadd.

Illum bl-użu tal-kompjuters, wieħed jista' wkoll isib ħafna stejjer sbieħ bl-Ingliż fejn it-tfal ikunu jistgħu jisimgħu l-istejjer. B'hekk il-kompjuter ma jiġix użat biss għal-logħob iżda wkoll għal xi ħaġa edukattiva u fl-istess ħin pjaċevoli.

Issa li ġejjin ix-xhur sbieħ tas-sajf, fejn it-tfal ikunu jistgħu igawdu l-baħar u l-festi sbieħ, tajjeb li l-ġenituri jsibu ħin sabiex it-tfal jaqraw kotba interessanti u li jagħmlu wkoll reviżjoni ta' dak li jkun sar matul is-sena skolastika li tkun għaddiet. B'hekk meta t-tfal jidħlu lura l-iskola għal sena akkademika ġdida jsibuha iktar faċli biex jitgħallmu, u jifhmu. Ċertament li l-istudju u l-qari jgħin lit-tfal sabiex jiksbu suċċess f'kull stadju tal-ħajja skolastika tagħhom.

Antoinette Galea
Għalliema ta' Year 1